Maltese | Malti

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

# Kura sigura u ta' kwalità huwa d-dritt tiegħek



Għażiż qarrej

Issa persuni akbar fl-età għandom drittijiet u protezzjonijiet aktar b'saħħithom wara t-bidliet riċenti fil-liġijiet tal-kura tal-anzjani fl-Awstralja.

Dawn il-bidliet jinkludu Stejtment tad-Drittijiet għall-persuni akbar fl-età li qed jirċievu servizzi tal-kura tal-anzjani. Dawn jinkludu d-dritt li tieħu d-deċiżjonijiet tiegħek stess, tkun irrispettat u tħossok sigur.

Int għandek ukoll id-dritt tfiehem x'inhuma l-bżonnijiet u l-preferenzi tiegħek, tara li l-kultura u l-identità tiegħek jkunu rrispettati u li żżomm kuntatt mal-komunità tiegħek.

L-Istejtment tad-Drittijiet jirrikonoxxi li kulħadd hu individwu u l-preferenzi u l-bżonnijiet tiegħek huma uniċi.

## Id-drittijiet tiegħek fil-prattika

Int tista' tistenna li tkun stmat bid-dinjità u bir-rispett. Xi modi kif id-drittijiet tiegħek jistgħu jidhru fil-prattika jistgħu jinkludu li l-provveditur tiegħek ser:

- jissapportjak tieħu deċiżjonijiet infurmati dwar il-kura tiegħek
- jissapportja l-preferenzi tiegħek għar- rutina ta' kuljum tiegħek
- jara, jisma' u jirrispondi għall-kummenti u t-tħassib tiegħek
- jiżgura li int tista' taċċessa l-affarijiet li għandek bżonn
- jiżgura li int qed tieħu biss il-mediċini li għandek bżonn u li ġew mogħtija lilek bir-riċetta tat-tabib
- jipprovdi għażliet dwar l-ikel u x-xorb li int tħobb
- jara li int iżżomm kuntatt mal-persuni li huma importanti għalik

jekk hemm xi ħaġa dwar il-kura tal-anzjani li qed tinkwetak, jew tħoss li mhix sewwa, hi ħaġa tajba li titkellem. Li tqajjem it-tħassib tiegħek jew tagħti kummenti lill-provveditur tiegħek, dan jista' jtejjeb l-esperjenza tal-kura tal-anzjani tiegħek u ta' oħrajn madwarek.

## X'tista' tagħmel jekk għandek xi tħassib

Jekk għandek xi tħassib dwar il-kura tiegħek tal-anzjani, int tista' titkellem mal-provveditur tiegħek. Dan spiss ikun l-eħfef u l-aktar ta' malajr biex issolvi l-każ.

Il-provveditur tiegħek għandu jirrispetta d-drittijiet tiegħek u jkollu proċess tal-ilmenti li hu faċli biex tifhmu u tużah.

Jekk ma tħossokx komdu titkellem mal-provveditur tiegħek jew jekk meta tkellimt mal-provveditur dan ma kienx ta' għajnuna, int tista' titkellem magħna.

## X'nistgħu nagħmlu biex nissapportjawk

Jekk għandek xi tħassib aħna nistgħu ngħinu billi:

- nisimgħuk u nispjegaw id-drittijiet tiegħek
- infittxu x'tixtieq li l-provveditur tiegħek jagħmel differenti
- nispjegaw ir-rwol tagħna

Bħala r-regolatur nazzjonali tas-servizzi tal-kura tal-anzjani ffinanzjati mill-Gvern, aħna nipproteġu u nissapportjaw id-drittijiet tiegħek biex int tħossok kunfidenti li l-kura tiegħek ser tkun sigura, ta' kwalità, tissodisfa l-bżonnijiet tiegħek u tgħinek tgħix l-aħjar ħajja possibbli.

L-Independent Aged Care Complaints Commissioner (Il-Kummissarju Indipendenti tal-Ilmenti tal-Kura tal-Anzjani) jaħdem fi ħdan il-Kummissjoni biex jara li t-tħassib tiegħek u l-ilmenti tiegħek jkunu mmaniġġjati b'mod li hu kunfidenzjali, fil-ħin u b'mod ġust.

## Il-privatezza tiegħek hi importanti

Il-modi kif nistgħu nissapportjawk huma mfassla biex ikunu flessibbli u ta' għajnuna. Meta ċċemplilna biex taqsam magħna t-tħassib tiegħek int tiddeċiedi kif aħna nimxu, u l-privatezza tiegħek hi protetta l-ħin kollu.

Int tista' tagħmel ilment u tkun parti mill-proċess ta' riżoluzzjoni. Int tista' titlob ukoll biex it-tħassib tiegħek jinżamm kunfidenzjali jew jibqa' anonimu.

Int tista' tagħżel li membru tal-familja jew sapporter iqajjem it-tħassib għan-nom tiegħek.

Aħna rriduk u l-familja u sapporters tiegħek tħossukom  kunfidenti biex tqajmu l-problemi u tħassib, u tkunu tafu li dawn ser ikunu meqjusa b'mod ġust u trasparenti, mingħajr ebda biża' li jista' jkun hemm konsegwenzi possibbli.

Aħna impenjati biex nipproteġu u nħaddmu  d-drittijiet tiegħek.





**Liz Hefren-Webb**
Aged Care Quality and Safety Commissioner (Kummissarju tal-Kwalità u tas-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani)





**Treasure Jennings**
Aged Care Complaints Commissioner (Kummissarju tal-Ilmenti tal-Kura tal-Anzjani)

## Aktar tagħrif

- Ikkuntattja lil Older Persons Advocacy Network (OPAN). Jekk int għandek bżonn  tagħrif u sapport rigward servizzi tal-kura tal-anzjani ffinanzjati mill-gvern, l-Aged Care Advocacy Line (Il-Linja telefonika tal-Avukatura tal-Kura tal-Anzjani) jista' jagħti sapport bla ħlas, kunfidenzjali u indipendenti. Int tista' titkellem ma' avukatur billi ċċempel **1800 700 600** jew żur **opan.org.au**.
- Ikkuntattja lil Aged Care Quality and Safety Commission fuq **1800 951 822** (telefonata bla ħlas) jew lil **agedcarequality.gov.au** biex tagħti l-kummenti tiegħek dwar il-provveditur tiegħek jew biex tagħmel ilment.

April 2026

**Telefown**
1800 951 822

**Sit tal-web**
agedcarequality.gov.au

**Ikteb**
Aged Care Quality and Safety Commission
GPO Box 9819, fil-belt kapitali tiegħek